BORD LI JIRREGOLA L-KERA

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

CHAIRPERSON

Rikors Nru: 106/2019MV

Natalino Anastasi (K.I. 24460M); Josephine mart George Falzon (K.I. 837547M); Anthony Cachia (K.I. 725356M) u Anne Besancon mart Mark (K.I. 583659M)

Vs

Michael Pace K.I. 703860M; Carmel Pace K.I. 374762M; Gioacchino Pace K.I. 401863M, Dorsell Pace K.I. 214684M u Silvan Pace K.I. 291984M.

Illum 28 ta' Mejju 2024

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Natalino Anastasi K.I. 24460M et.ipprezentat fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar it-23 ta' Mejju 2019 fejn ippremettew u talbu s-segwenti:

Illi l-esponenti huma s-sidien ta' korp ta' bini bin-numru 73, Triq San Kristofru, Valletta liema fond huwa forma ta' kerrejja u l-intimati qieghdin jokkupaw il-bini, minn f' parti u minn f' ohra u dan minghajr ma qed jigi rispettat il-ftehim attwali minghandu jokkupa fejn u kemm ghandha tkun il-kera.

Illi di fatti l-intimati bidlu l-postijiet in okkupazzjoni bejnithom minghajr il-kunsens espress tas-sidien u apparti dan, hallew il-post jiddeterjora ghal stat ta' riparazzjoni allarmanti u dan kif jigi provat waqt l-andament tal-kawza.

Illi ghalhekk hemm minn mill-intimati li kiser il-kondizzjonijiet tal-kirja u ohrajna li sajansitra ghalkemm qieghdin jippretnedu li huma l-inkwilini, m' ghandhkomx dritt ghall-inkwilinat.

Illi l-intimati ghamlu tibdiliet strutturali minghajr il-kunsens tas-sidien.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Borg joghgbu:

1. Jiddikjara minn mill-intimati ghandu dritt ghall-inkwilinat u minn m' ghandux u f' kaz ta' min mill-intimati m' ghandux dritt ghall-inkwilinat, jigi ordnat li jizgombra mill-parti minnu okkupata fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilu prefiss;

2. Jiddikjara lill-intimati li huma inkwilini legittimi, kisru l-kondizzjonijiet tal-kirja billi assenjaw il-kirja minghajr il-permess tas-sidien u/jew hallew il-fond fi stat hazin ta'

ripaarazzjoni u/jew ghamlu tibdiliet strutturali minghajr il-kunsens tas-sidien u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimati fi zmien qasir u perentorju li jgi hekk lilhom prefiss.

Spejjez kontra l-intimati u b' rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti, liema intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.[1]

Ra r-risposta ta' l-intimat Carmel Pace K.I. 374762M li tghid is-segwenti:[2].

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu taghhom;

2. Illi ma huwiex minnu illi huma bidlu l-ppostijiet in okkupazzjoni bejniethom minghajr il-kunsess espress tas-sidien;

3. Illi lanqas ma huwa minnu kif ser jigi provat fil-kors ta' din il-kawza, li l-mittenti halla l-post jiddeterjora ghal stat ta' riparazzjoni allarmanti, izda dejjem wettaq l-obbligi tieghu tal-kirja taht il-ligi.

4. Illi ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda in toto, fejn dawn jirrigwardaw lili.

[1] A folio 1 u 2 tal-process.
[2] A folio 29 u 30 tal-process.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta' l-intimat Michael Pace K.I. 703860M li tghid is-segwenti:[3]

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom skond il-ligi.

2. Illi mhux minnu li l-intimati biddlu l-postijiet in okkupazzjoni bejniethom minghajr il-kunsens tas-sid kif qed jigi allegat.

3. Illi lanqas huwa minnu li l-mittenti halla l-post jiddeterjora ghal stat ta' riparazzjoni allarmanti.

4. Illi l-esponenti ma kiser ebda kondizzjoni tal-kirja u huwa ghandu titolu valida ta' kera skond il-ligi.

5. Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta in toto.

6. Illi assolutament ma jezistux l-estremi li trid il-Ligi ghar-ripreza.

[3] A folio 61 tal-process.

7. Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-eccipjenti bilqima jitolbu illi dan l-Onorabbli Bord joghogbu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontrihom.

Ra r-risposta ta' l-intimati Dorsell Pace K.I. 214684M u Silvan Pace K.I. 291984M li tghid is-segwenti:[4]

1. Illi fl-ewwel lok, l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom.

2. Illi fit-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi kuntrarjament minn dak allegat mill-atturi, ma kien hemm l-ebda bdil fil-postijiet in okkupazzjoni bejn l-mittenti minghajr il-kunsens espress tas-sidien.

4. Illi lanqas ma huwa minnu, illi l-fond thalla jiddeterjora u ssirlu hsara ingenti, bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-kirja u dan hekk kif ser jigi provat fil-kors ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponeneti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

[4] A folio 65 tal-process.

Salv risposta ulterjuri.

Ra r-risposta ta' l-intimat Gioacchino Pace K.I. 401863M li tghid is-segwenti:[5]

Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu taghhom;

Illi ma huwiex minnu illi huma bidlu l-postijiet in okkupazzjoni bejniethom minghajr il-kunsess espress tas-sidien;

Illi lanqas ma huwa minnu, kif ser jigi pruvat fil-kors ta' din il-kawza, li l-mittenti halla l-post jiddeterjora ghal stat ta' riparazzjoni allarmanti, izda dejjem wettaq l-obbligi tieghu tal-kirja taht il-Ligi;

Illi ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda in toto, fejn dawn jirrigwardaw lilu;

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha .

[5] A folio 74 tal-process.

Ra li l-Bord waqt is-seduta tal- 20 ta' Novembru 2020 hatar lill- Perit Danica Mifsud u lill-Perit David Pace '*biex jezaminaw il-fond mertu tal-proceduri u jhejju pjanta li fiha jigi indikat liema partijiet qed jigu okkupati mid-diversi intimati*.'[6]

Ra r-relazzjoni tal-periti teknici ipprezentata fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar it-8 ta' Frar 2021.[7]

Ra d-dokumenti prezentati.

Sema' x-xhieda u ra l-affidavits tal-partijiet.

Ra n-nota tar-rikorrenti fejn il-kawza giet ceduta fil-konfront ta' Gioacchino Pace.[8]

Ra u qies il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semgha t-trattazzjonijiet tal-partijiet waqt is-seduta tal-20 ta' Frar 2024.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[6] A folio 82 tal-process.
[7] A folio 85 tal-process.
[8] A folio 216 tal-process.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor.**

It-rikorrenti jikkontendu li l-kerreja numru 73, St. Christopher Street, Valletta hija taghhom u li l-intimati qieghdin jokkupaw il-bini, minn f'parti u min f'ohra u dan minghajr m qed jigi rispettat il-ftehim dwar minn ghandu jokkupa fejn u kemm ghandha tkun il-kera. Ir-rikorrenti jikkontendu li tali tibdil ta' okkupazzjoni tal-postijiet saret minghajr il-kunsens tas-sidien u l-binja iddeterjorat ghal stat ta' riparazzjoni allarmanti. B'hekk inkisret il-kundizzjoni tal-kirja.

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-Qosor**

Ghaldaqstant, permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni minghand dan il-Bord biex jghid minn min mill-intimati ghandu dritt ghall-inkwilinat u l-izgumbrament ta' min ma ghandux tali dritt.

Aktar minn hekk jghid li dawk l-imkwilini li huma inkwilini legittimi kisru il-kundizzjonijiet tal-kirja billi:

Assenjaw il-kirja minghajr permess u/jew hallew il-fond fi stat hazin ta' riparazzjoni u/jew ghamlu tibdil strutturali minghajr il-kunsens tas-sidien. B'hekk il-Bord qed jintalab li l-intimati jigu zgumbrati fi zmien qasir u perentorju.

L-intimati jichdu l-asserzjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u jghidu in succint li huma dejjem hallsu jew ippruvaw ihallsu

l-kirja dovuta u li s-sidien, specjalment fl-ahhar zminijiet dejjem kienu qed jirrifjutaw. Isostnu ukoll li s-sidien, specjalment dawk originali, dejjem qalulhom biex jirrangaw bejniethom ladarba kienu familja.

**Kawza ceduta in parte**

Fil-mori tal-kawza ir-rikorrenti irtiraw it-talbiet taghhom fil-konfront ta’ l-intimat Gioacchino Pace.

**Provi**

Xehed **Michael Pace** nhar il-11 ta’ Mejju 2021 fejn jghid li huwa joqghod fil-fond flat numru wiehed (1). Jghid li ma jafx jaqra u hu kull ma ghandu kurutur, kamra taht it-tarag u hemm kamra.[9] Ikompli jispjega li ghandu kamra fuq bl-imbarazz. Jghid li ilhom ghandu madwar madwar 30 sena. Lis-sidien ma jafhomx u ma jhallas lil hadd. Ikompli jghid imbaghad li kien imur tas-Sliema biex ihallas u kien ihallas lil Maria Cachia Lm9. Jghid li ilhu hemm mill-1990 u ilu jhallas kera mill- 1992. Jghid li ghandu l-ktieb tal-kera d-dar.

Xehed **Gioacchino Pace** nhar il-11 ta’ Mejju 2021 u qal li hu kellu l-appartament numru tnejn (2) u kellu lit-tfal mieghu. Kien mietlu t-tifel hemm gew stess. Jghid li mar ghand is-sid St.Venera biex idawwarlu n-numru erbgha (4), u hekk gara.[10] Jghid li mar ihabbtilhom id-dar u ma sabhomx. Jghid li kienu joqghodu x’imkien wara l-Lidl Santa

[9] A folio 96 tal-process.
[10] A folio 99 tal-process.

Venera. Jghid li l-kont ma kellux biex ihallsu f'daqqa u beda jaghtihomlu ftit ftit. Isostni li mar bil-flus u qallu li ma jridhomx. Jghid li l-Avukat Borg Costanzi beda jirrekordjahom fuq tape meta huma marru jkellmuh l-ufficju. Hu kien ma' hutu Charlie, Michael u Silvan Pace. Jghid li hu qieghed 1st floor u jghid li gahndu l-flats numru erbgha (4) u numru tnejn (2) f'idejh. Ix-xhud jaghti deskrizzjoni tal-postijiet li jokkupa. Jghid li kien ihallas hamsin Lira Maltin (LM50) ghaz-zewg postijiet. Jghid li ilu joqghod hemm xi sittax (16) -il sena. Isostni li mas-sidien laqqghuh hutu. Jghid li hutu qalulu fejn u huwa mar. Jghid li l-kirja dam ihallasha sentejn jew tlieta. Jghid li qatt ma tefghu xejn il-Qorti u Antonio qatt ma ried flus. Jghid li l-isem jiftakru ghax jismu bhal ibnu. Isostni li l-ewwel kien fil-fond numru tnejn (2) imbaghad nizel fin-numru erbgha (4) u n-numru tnejn (2) tah lit-tifel.

**Anthony sive Tonio Cachia** xehed permezz ta' affidavit datat l-1 ta' Lulju 2021 fejn qal li ommu kien jisimha Mary Cachia, kienet tamministra l-propjeta', jghid li ommu mietet fit-28 ta' Settembru 2016 u wiritha huha, u hutu Josephine Falzon u Anne Besancon filwaqt li Frank Anastasi, li kien ko-propjetarju ma' ommu wirtu l-unika ibnu, Natalino Anastasi.

Milli irrizultalu kien hemm is-segwenti:

Kamra numru hamsa (5) mikrija tletin Lira Maltin (LM30) fis-sena lil Charlie Pace;

Kamra numru wiehed ittra B (1B) mikrija disa' Liri Maltin (LM9) fis-sena lil Michael Pace;

Flat nuru erbgha (4) u Kamra wiehed ittra A (1A) mikrija lil C Benallack ghal tnejn u ghoxrin Lira Maltin (LM22) u tmintax il-Lira Maltin (Lm18) fis-sena rispettivament;

Flat numru tlieta (3) mikri lil Emanuel Grima ghoxrin Lira Maltin (LM20) fis-sena.

Jghid li l-fond ta' Benallack gie battal u l-Awtorita' tad-Djar taghtu c-cwievet. Jghid li skond records fl-elfejn u sebgha (2007) Gioacchino Pace hallas hamsin Lira Maltin (Lm50) ghall-post numru erbgha (4) u Charles Pace hallas tletin Lira Maltin (Lm30) ghas-sena Novembru 2006 sa Novembru 2007.

Ikompli jispjega li huma ma ghandhomx record li qatt krew lil Silvan Pace (it-tieni sular u l-bejt). Jghid li Charles Pace qed jokkupa flat numru wiehed ittra A (1A) bla dritt. Jispjega li Flat wiehed ittra B (1B) okkupat minn Michael Pace u hemm notamenti li kien ihallas il-kera, pero' wara 1990s ma jidhirx li qatt hallas. Ghal dak li jirrigwarda lis-store fil-livell mezzan dan kien mikri lil certa Grima u mhux lil Michael Pace. Jghid li l-istore l-iehor ma jidher li kien mikri lil hadd.[11]

***Isostni li mill-intimati kollha l-unika persuni li ghandhom xi forma ta' titolu huma Michael Pace ghall-kamra li hemm fl-entrata u Gioacchino Pace ghall-flat numru erbgha (4) fit-tieni livell.***

*Jghid li Charles Pace, skond l-ircevuta li kellhom, kien jokkupa il-flat numru hamsa (5) pero' qed joqghod fil-flat numru wiehed ittra B (1B).*

[11] A folio 115 tal-process.

*Jghid li flat numru hamsa (5) kien okkupat minn Charles Pace, ghalkemm b'konfigurazzjoni differenti, pero' dan zied l-arja li kienet okkupata minn Bennallack. Il-flat numru wiehed ittra A (1A) huwa okkupat illegalment minn Pace.*

*Jghid li fuq il-meter tal-ilma ommu kienet bezghana li tigi rinfaccata b'xi kontijiet. B'hekk mar fil-fond, saab lil Gioacchino u dawwru l-meter fuq Gioacchino Pace. Jghid li originarjament kien hemm meter wiehed iservi il-binja kollha.*[12]

**Savio Borg** xehed fit-13 ta' Lulju 2021 fejn spjega kif l-intimati kienu irregistrati ai fini tar-registru elettorali.[13] Jispjega li:

**Michael Pace fi Frar 1987 kien registrat fuq numru 124, St. Christopher Street, Valletta, imbaghad minn Ottubru 1987 sal-gurnata tal-lum fuq Flat 1, 73, St. Christopher Street, Valletta.**

**Carmel Pace minn Frar 1987 'l quddiem, hlief ghall-perjodu qasir, kien registrat fuq Flat 5, 73, St. Christopher Street, Valletta.**

**Pace Goacchino minn April 2006 'l quddiem kien registrat fuq Flat 2, 73, St. Christopher Street, Valletta filwaqt li fil-perjodi ta' qabel kien irregistrat fuq indirizz iehor il-Belt u Bormla.**

[12] A folio116 tal-process.
[13] A folio 120 tal-process.

**Pace Dorsell kienet irregistrata f'Ottubru 2013 fuq Flat 4, 73, St. Christopher Street, Valletta u qabel kienet irregistrata fuq indirizz Haz-Zebbug.**

**Pace Silvan minn Ottubru 2008 kien irregistrat fuq Flat 5, 73, St. Christopher Street, Valletta u qabel kien irregistrat fuq indirizz Bormla.**[14]

**Reuben Bonnici** xehed nhar it-13 ta' Lulju 2021 u ipprezenta numru ta' dokumenti tal-Arms Ltd.[15] Jghid li il-kont 73, St. Christopher Street, Valletta kien jghajjat lil Mary Cachia u inghalaq fil-15 ta' Ottubru 2001.

Fuq flat numru tlieta (3) fl-istess blokka kien jghajjat lil certa Ben Alock u kien inghalaq f'Novembru 1997. Fuq Flat numru tlieta (3) mis-16 ta' Novembru 2006 beda jghajjat lil Goacchino Pace. Jghid li kien hemm kont iehor fuq l-istess flat li jghajjat lil Mario Pace.

Fuq flat numru (4) dan ukoll jghajjat lil Goacchino Pace li kien inqaleb ghal fuq ismu fl-24 ta' Lulju 2008 u qabel kien fuq Mary Cachia.

Fuq flat numru sitta (6) dan kien intestat fuq Michael Pace u inghalaq f'Jannar 1996.

[14] A folio 123 tal-process.
[15] A folio 179 tal-process.

Xehed **Natalino Anastasi** permezz ta' affidavit datat 12 ta' Lulju 2021 fejn stqarr li hu kien jghix l-Awstralja u gie lura Malta ghall- habta tas-sena elfejn (2000). Jghid li hu iben Francis Saviour sive Frank Anastasi li miet fit-8 ta' Marzu 2012. Isostni li kien cempillu certa Tonio Cachia u qallu li kienet mietet ommu u riedu jaghmlu il-causa mortis u riedu jmorru flimkien fil-post. Jghid li kien bghat lil ibnu Justin u ma jafx l-ebda wiehed mill-inkwilini. Kien mar jaghmel ricerka fil-Bibljoteka u gab ir-registri elettorali ghas-snin 1955 sa 1960 u bejn 1970 sa 1977.[16]

**Gioacchino Pace** xehed permezz ta' affidavit datat 29 ta' Novembru 2021 fejn stqarr li hu kien jghix maz-zijiet fil-fond 73, St. Christopher Street, Valletta meta kien zghir mal-familjari tieghu u dan il-post hu kerrejja u fih hemm hames postijiet. Jghid li s-sidien ta' qabel dejjem krew lilhom bhala familja. Jghid li ghal xi zmien tilfu lis-sid pero' wara sabu u kien krielu l-flat numru tnejn (2). Jghid li fil-blokk kienu joqoghdu hutu Charlie u Michael. Jghid li kellu ktieb tal-kera. Jghid li huh Mario kien joqghod fil-flat numru tlieta (3) u warajh kien mar joqghod il-kugin Leli Grima. Ibnu Amadeo kien kera minghand is-sid in numru erbgha (4) fl-istess blokk. Jghid li l-flat numru tlieta (3) svojta u ghadu vojt sal-lum. Jghid li ibnu miet fl-2006 ghax kien ha xokk mal-machine u wara kien mar ghand sid il-kera u talbu jaghmillu l-ktieb tal-kera fuqu u hekk gara. Jghid li hu mar jghix fil-flat numru erbgha (4) flok fin-numru tnejn (2) u ibnu Silvan ma kellux fejn joqghod u kien ser jizzewweg. Jghid li Silvan mar jghix fin-numru hamsa (5) u huh Charlie mar fin-numru tnejn (2) ghax kien hemm qbil. Kien qal lis-sid u qallu li peress li kienu familhja setghu jirrangaw bejniethom. Jghid li l-kotba tal-kera taz-zewg fondi mikrija lilu ma jafx fejn ghamilhom.

[16] A folio 201 tal-process.

Jghid li xi ghaxar snin ilu gie Antonio, wiehed mill-werrieta tas-sid u qallu li ma jridx flus u qallu biex jirrangalu l-karti. Wara saret il-kawza[17].

**Silvan Pace** xehed b'affidavit datat 30 ta' Dicembru 2022 jghid li hu kien joqghod mal-genituri tieghu f'post iehor il-Belt u mar joqghod fil-fond numru erbgha (4) meta kellu sitt (6) snin. Jghid li illum jghid fl-appartament numru hamsa (5) flimkien ma' martu Dorselle Pace. Jghid li wara li kien telaq jghix minn ma' ommu kien mar jghix fl-appartament numru erbgha (4) u dan peress li missieru mar jghix fl-appartament numru tnejn (2). Jghid li wara li zzewweg kien ftihem ma' zijuh, missieru u ma' Antoine biex ibiddlu l-appartamenti fejn jirrisjedu fl-istess blokka. B'hekk hu mar jghix fl-appartament numru hamsa (5) u Carmel Pace nizel f' dak numru tnejn (2).[18]

**Carmelo Pace** xehed permezz ta' affidavit datat 30 ta' Dicembru 2021 fejn qal li jghix fl-appartament numru hamsa (5) u dan mis- 17 ta' Gunju 1983 u kien ihallas tletin Lira Maltin (Lm30) fis-sena. Jghid li hu dejjem ikkomunika ma' Maria Cachia u huha u gieli ma' Dr. Fenech Adami li kellu l-ufficcju l-Mosta. Jghid li kien ihallas lilhom. Jghid li kellu relazzjoni tajba maghhom. Isostni li dejjem ha hsieb l-appartament numru hamsa (5) u zammu fi stat tajjeb. Jghid li kien talab lil Antoine, li qallu jigi hu Maria Cachia, biex imur jghix fil-flat numru tnejn (2). Dan kien qallu biex jirrangaw bejniethom peress li kienu familja wahda. Qal li hekk ghamel minhabba li kellu problemi f'saqajh u dan minkejja li mal-awtoritajiet kien halla li kien ghadu jghix fl-appartament numru hamsa (5) u mhux f'dak numru tnejn (2). Jghid li

[17] A folio 209 tal-process.
[18] A folio 220 tal-process.

fl-appartament jghix mal-mara u jzommu fi stat tajjeb. Jghid li dejjem ghix f'din il-blokka sa mill-1983 hlief ghal meta kien il-habs.[19]

Xehed **Silvan Pace** nhar l-14 ta' Frar 2023 fejn ikkonferma li missieru jismu Michael u li ghadu joqghod fil-fond 73, St, Christopher Street, il-Belt, Valletta.[20] Jghid li hu ma ghadux joqghod ma' missieru imma go xi post il-Hamrun. Jghid li mar jghix ma' ommu li mietet u intefa' barra mill-Housing. Jghid li ommu partet id-dar ta' Bormla ma' dik tal-Hamrun. Jghid li fl-affidavit ma semmiehx il-Hamrun imma ghandu l-id card fuq hemmhekk. Jghid li hu mizzewweg u ghandu l-mara jisimha Dorselle Pace u tghix mieghu. Jghid li fuq il-Hamrun ihallsu xi tmienja u hamsin (58) kull tlett xhur. Jghid li l-flus kien jaghtihom lill-Housing u meta ommu mietet ma accettawhomx aktar. Meta mietet ommu gie zgumbrat. Jghid li ma jifhimx u ma fetahx kawzi.

Xehed **Carmel Pace** nhar l-14 ta' Frar 2023 fejn qal li illum qed joqghod Santa Venera u ilu joqghod hemm tmien (8) xhur. Jghid li hu baqaghlu interess skond kif tinqata' l-kawza. Jghid li l-fond fejn jghix fih krieh ghal hames (5) snin. Jghid li fil-bidu kien joqghod fil-flat numru hamsa (5) imbaghad nizel fin-numru tnejn (2). Qal li meta kien mar il-habs kien tah lil Silvan biex joqghod fih. Jghid li jahseb li missier Silvan kien tah ic-cavetta. Jghid li kollox irrangaw bejniethom. Isostni li hareg mill-habs ghall-habta tal-elfejn u ghaxra (2010).

Kontro-ezaminat jghid li "*Anton kien qallu biex jirrangaw bejniethom ghax huma familja wahda.* Kien qallu li l-aqwa li jaghtuh il-kera"[21].

[19] A folio 221 tal-process.
[20] A folio 236 tal-process
[21] A folio 241 tal-process.

Xehed **Anthony k/a Tonio Cachia** nhar l-14 ta' Frar 2023 fejn ikkonferma li ommu mietet fl-2016 u ma jaqbilx li ommu kienet tikkomunika mas-sidien imma kien huha Frank Anastasi li kien jaghmel hekk. Jghid li Carmelo Pace kien jikri in-numru hamsa (5). Jghid li r-records huma antiki hafna u ma kienx hemm il-familja Pace li tghix hemmhekk. Ma jafux min dahal u ma dahalx. Jghid li ikkonkluda li flat numru wiehed ittra A (1A) okkupat minn Charles Pace mir-ricerki li ghamlu flimkien mal-avukat taghhom u kellhom kwistjonijiet mal-ARMS. Jghid li Goacchino Pace dahal recentement u mhux qieghed bil-kera l-antika.[22] Isostni li l-appartament suppost kien mikri lil wahda Benalouck li inghatat post mill-Housing u telqet 'l hemm. Jghid li l-Housing kien taghhom ic-cavetta lilu u lil ommu. Kien haseb li l-fond hu vojt. Jghid li bdew il-proceduri minn meta mietet ommu. Skond hu ommu ma kellha kontroll ta' xejn. Jispjega li qabel mietet ommu kienet go home, Casa Leone u l-intimati qatt ma marru 'l hemm. Jghid li l-fond taht it-tarag huwa abbandunat.

**Ikkunsidra:**

L-argument principali li mressqa mir-rikorrenti quddiem dan il-Bord huma imsejsin fuq zewg kuncetti:

1. Li hemm inkwilini li ma ghandhomx dritt jirrisjedu fil-fond jew f'partijiet minnu; u

2. Hsara fil-fond u alterazzjonijiet minghajr permess.

[22] A folio 243 tal-process

Illi l-Bord iqis li l-artikoli relevanti ghall-vertenza imqajma mir-rikorrenti isibu komfort fis-segwenti artikoli tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta:

Fost l-obbligi li ghandu josserva l-inkwilin ta' haga mikrija lilu hemm l-artikolu 1554(a) tal-Kodici Civili li jipprovdi li huwa ghandu:

*'jinqeda bil-haga mikrija bhala missier tajjeb tal-familja, u ghall-uzu miftihem fil-kuntratt, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim fuq dan, ghall-uzu li jista' jigi prezunt mic-cirkostanzi*[23] *';*

L-Artikolu 1555 jaqra hekk:

*'Jekk il-kerrej jagħmel mill-ħaġa mikrija użu xorta oħra minn dak li għalih ikun miftiehem, jew preżunt skont l-artikolu preċedenti, jew b'mod li bih jista' jġib ħsara lil sid il-kera, sid il-kera jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob il-ħall tal-kirja'.*

Kif ukoll l-artikolu 1564(1) tal-istess Kodici Civili li jipprovdi is-segwenti:

*'Il-kerrej, matul il-kirja, ma jista' jaghmel ebda tibdil fil-haga mikrija minghajr il-kunsens ta' sid il-kera, u m'ghandux jedd jitlob il-hlas lura*

[23] Ara f' dan is-sens **John Curmi vs Dr. Joseph sive Josie Muscat** ( App. Civili Nru. 1224/1993/1) moghtija mill-Qorti tal-Appel fit-28 ta' April 2006 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano, Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri, Onr. Imhallef Joseph A. Filletti, pg. 8.

*tal-valur, ikun kemm ikun, tal-miljorament maghmul minghajr dak il-kunsens.'*

**Ikkunsidra:**

**Gurisprudenza u Principji Applikabbli**

**Nuqqas ta' manutenzjoni u Hsara Konsiderevoli**

Illi fil-kawza **Carmelo Farrugia u Josephine Farrugia vs Mary Cassar**, Rikors numru 18/2010 Qorti tal-Appell deciza fis-27 t'April 2016, permezz ta' rikors prezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, ir-rikorrenti talbuh jordna lill-intimata tiżgombra mill-appartament Numru 1, Carmen Flats, Triq il-Gnien, Gżira peress li qegħda żżommu fi stat ħażin ħafna ta' manutenzjoni u dan wassal ghal ħsarat strutturali.

L-intimata wieġbet li kienu s-sidien li naqsu milli jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa tant li wħud minnhom kellha tagħmilhom hi. Qalet ukoll li hija dejjem ottemperat ruħha mal-obbligi tagħha fir-rigward ta' manutenzjoni.

B'sentenza tat-3 t'Ottubru 2013, il-Bord ċaħad it-talba tar-rikorrenti, li appellaw mis-sentenza bl-aggravju li l-ħsarat huma tant manifestament kbar li l-appartament jinsab kważi mġarraf u kien ferm sorprendenti li l-Bord wasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm "ħsarat ħafna". Il-ħsara tirriżulta mix-xhieda tar-rikorrenti li xehdet li kien hemm partijiet tal-gallerija jaqgħu tant li ġew avżati l-Pulizija tad-Distrett minħabba li l-post kien struttura perikoluża. Is-soqfa kienu qed jiġġarrfu minħabba

l-urina tal-klieb li l-appellata żżomm fil-post. Il-periti tal-Bord inżammu milli jidħlu f'ċerti ambjenti tal-fond biex ma jkunux jistgħu jaraw il-ħsara konsiderevoli fil-kmamar fejn jinżammu l-klieb. L-intimata stess xehdet li m'għamlet xejn bħala manutenzjoni, ma talbet xejn lis-sidien biex isiru x-xogħlijiet u stqarret li m'għamlitx manutenzjoni għax m'għandhiex flus.

L-appellata ma weġbitx u lanqas dehret fl-udjenza wara li ġiet notifikata.

Kemm taħt il-liġijiet speċjali tal-kera, kif ukoll taħt id-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Ċivili, l-inkwilin huwa obbligat li jieħu ħsieb il-ħaġa mikrija lilu bħal bonus paterfamilias, u, jekk minħabba dan in-nuqqas, tiġri l-ħsara lill-fond lilu mikri, tista' twassal għal ħall tal-kirja. Sanzjoni li hi radikali u tista' tintalab meta l-ħsara tkun ta' ċerta gravita`. Għalhekk il-Kap 69 jeżiġi li biex jingħata permess sabiex ma tiġġeddidx il-kirja trid issir "ħsara ħafna", bl-Ingliż "considerable damage", u fit-test oriġinali Taljan "abbia cagionato danni considerevoli al fondo"[24]. Fis-sentenza Frances Cassar et vs B & M Supplies Limited tal-1 ta' Diċembru 2004, din il-Qorti tal-Appell qalet:-

"Skond kif imfisser "it-terminu "hafna" hu kapaci li jigi apprezzat oggettivament imma hu wkoll miftuh ghall-interpretazzjoni soggettiva ta' min irid jiggudika. Anke ghaliex tali hsarat iridu jkunu relatati mhux biss mal-kwalita` u l-kundizzjoni tal-fond lokat imma wkoll mal-mod kif dawn il-hsarat kienu jippregudikaw il-godiment tal-fond u l-

[24] Ara wkoll **Giovanni Grech v Rose Vassallo**, 29 ta' Ottubru, 1954 Appell Ċivili

interessi tal-lokatur." - "**Elizabeth Darmanin -vs- Rev. Kan. Anton Galea et**", Appell, 24 ta' April 1998;

Issokta ghalhekk jinghad f'din l-istess decizjoni illi "mhux kull nuqqas ta' manutenzjoni adegwata tal-fond mill-inkwilin, anke fejn din hi responsabilita` tieghu, ghandha twassal biex tiggustifika r-ripreza tal-fond fuq din il-kawzali. In-nuqqas irid ikun tali li jipprovoka hafna hsarat";

Fi kliem iehor il-hsara trid tkun ta' certa entita` u mhux ta' importanza zghira. Kif deciz, "minn dawn il-kliem tal-ligi, kemm fit-test Malti kemm fit-test Ingliz, huwa evidenti li l-hsara konsiderevoli hemm kontemplata hija dik materjali fil-fond, u mhux hsara ohra …" (**Kollez. Vol. XXXVIII P Ip 211**);

Dan affermat, jinsab enuncjat ukoll illi "certament wiehed mill-kriterji li jeskludi din l-entita` jista' jkun dak tal-facili riparabilita` tad-dannu" (**Kollez. Vol. XLVII P I p 264**) u li allura tintitola lis-sid ifittex ir-rimedju li jgieghel lill-kerrej tieghu jaghmel it-tiswijiet necessarji minflok l-adoperu tassanzjoni estrema ta' l-izgumbrament. Ara wkoll f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet "**Paolo Farrugia -vs- Amante Murgo**", Appell, 29 ta' April 1996", fejn intqal hekk:

"Fir-rapport tal-perit nkarigati mill-Bord jingħad:-

"Is-soqfa u l-ħitan huma mbajdin biż-żebgħa u huma mtebbgħin bil-ħmieġ u b'umdita' antika. L-art tal-fond tikkonsisti minn madum żgħir li huwa fi stat ħażin ħafna ta' manutenzjoni u kif tidħol fil-kuridur,

deher xi madum maqsum. L-istess hija l-kamra tal-banju li fil-fatt ma tintużax.

Fl-entratura mal-ħajt diviżorju, hemm dhul ta' l-ilma pjuttost riċenti li ġej minn livell għoli u li qiegħed jikkawża ħsara fil-ħajt u kif ukoll tqaxxir taż-żebgħa tal-ħajt.

Iż-żebgħa tal-gallarija tal-konkos tesebixxi tbajja' tal-umdita' u qsim irqiq illi huwa riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni tal-madum tal-wiċċ tal-gallarija u tal-ħadid ingastat ġo fiha.

Il-fond per se huwa mniġġes u jesebixxi tbajja' tal-umdita' u ħmieġ li ilhom hemm ħafna żmien. Huwa fi stat ħażin ta' manutenzjoni."

M'hemmx prova teknika li b'riżultat tan-nuqqas ta' manutenzjoni l-bini sofra "hsara konsiderevoli". Ir-ritratti mehmuża mar-rapport tal-periti ċertament juru nuqqas ta' manutenzjoni, pero' ma jidhrux ħsarat konsiderevoli. Lanqas il-periti ma qalu li fil-fond hemm ħsarat konsiderevoli. Il-Bord qies il-provi u ġustament ta piż partikolari lil dak li jingħad fir-rapport tal-periti. Il-Bord iddeċieda li mill-konstatazzjonijiet tal-periti ma tirriżultax dik il-"ħsara ħafna" li hi meħtieġa ghal fini ta' żgumbrament tal-inkwilin, u kif interpretata mill-ġurisprudenza li saret riferenza għaliha fis-sentenza tal-Bord. Din hija Qorti ta' reviżjoni li ma tindaħalx leġġerment fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ġudikant tal-prim'istanza. Mhux biżżejjed li ma tkunx taqbel mal-konklużjonijiet tal-Bord, iżda jinħtieġ li l-provi jkunu tali li abbażi tagħhom l-ewwel Tribunal ma setax jasal għall-konklużjonijiet li wasal għalihom. F'dan ir-rigward il-qorti ma taqbilx mal-appellanti

li s-sentenza tal-Bord ma tirriflettix il-provi li tressqu. L-appellanti bbażaw il-kawża fuq il-kawżali li minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni, saret ħsara strutturali fil-fond. Filwaqt li kif tajjeb kkummenta l-Bord mill-provi hu evidenti li l-fond hu traskurat u maħmuġ u hemm ukoll xi ħsara, min-naħa l-oħra m'hemmx prova ta' "ħsara ħafna". Għalhekk tfalli l-azzjoni li pproponew l-appellanti. Ovvjament dan ma jfissirx li sidien il-kera m'għandhomx rimedji oħra ghan-nuqqasijiet tal-inkwilina.

L-appellanti jsostnu wkoll li l-appellata ma ħallitx lill-periti jidħlu f'xi kmamar tal-fond. Fatt li ma jirriżultax. Li jirriżulta hu li kien hemm żewgt ikmamar li fihom il-periti ma daħlux. F'dan ir-rigward l-appellanti kellhom kull opportunita' li jitolbu l-intervent tal-Bord sabiex l-istess periti jispezzjonaw dawn il-kmamar, u mhux jilmentaw wara s-sentenza."

Għaldaqstant l-appell gie miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Il-Fond huwa kerrejja jew numru t'appartamenti**

Dwar jekk il-fond mertu ta' dawn il-proceduri hux kerrejja jew flats, fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Helen Raniolo et*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru 1954 per Onorevoli Dr. W. Harding intqal:

***Bil-kelma 'kerrejja' l-ligi tifhem dar li fiha joqoghdu aktar minn zewg familji li jkollhom il-lavatory u servizzi ta' l-ilma komuni u ghalhekk, jekk si tratta minn kmamar li ghandhom lavatory u servizz***

***ta' l-ilma separati ghal kull wahda minnhom, ikun il-kaz ta' appartamenti u mhux ta' kerrejja.***

Il-Bord jaqbel ma' tali interpretazzjoni u jaghmilha tieghu. Minghajr dubbju fil-kaz de quo l-intimati ghandhom relazzjoni familjari ma' xulxin u ilhom jabitaw fil-fond ghal diversi snin. Mid-dokumentazzjoni tal-periti teknici li accedew fil-fond maghduda mal-provi li ingabu permezz tal-ARMS Ltd. f'mohh il-Bord ma hemm l-ebda dubbju li kull wiehed mill-intimati kien qed juza l-ispazju tieghu bhala flat. *B'dan pero' il-Bord mhux qed jeskludi li fil-mori ta' snin xi uhud mir-rikorrenti, jew il-predecessuri taghhom fit-titolu meta gew avvicinati mir-rikorrenti qalu lilll-intimati jew xi uhud minnhom biex jirrangaw il-post de quo bejniethom ghax kienu familja wahda.* Il-Bord jemmen li d-dubbju f'dan ir-rigward ghandu jimmilita favur l-intimati li kienu konsistenti fuq dan il-fatt li wara kollox kienet uzanza komuni fi zmininjiet passati.

**Ghaldaqstant, il-Bord jemmen li fil-kunsiderazzjonijiet tieghu ghandu jikkonsidra il-partijiet kollha tal-fond bhala flats individwali u mhux kerrejja b'dan illi ir-rikorrenti hallew *mano libera* lil xi uhud mill-intimati biex jiggestuhom fl-ambitu familjari.**

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-intimati ghamlu alterazzjonijiet fil-fond minghajr il-permess taghhom u li b'hekk l-inkwilini ikkawzalhom pregudizzju.

Dwar dan l-obbligu tnisslu diversi principji mill-gurisprudenza. Per ezempju fil-kaz **Carmen Lia vs Anthony Coreschi** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar 2007 intqal hekk:

*'In tema legali, hi disposizzjoni cara tal-ligi li l-kerrej, sia ta' fond urban jew dak rustiku jew agrikolu, hu fl-obbligu li jaghmel mill-haga lokata lilu dak l-uzu li ghalih hi ddestinata l-haga u skond il-mudell konswet ta' mgieba tal-bonus paterfamilias. Dan, ma ghandux jigi tradott fis-sens assolut illi lill-kerrej ma humiex konsentit certu jus variandi ghall-ahjar godiment tal-haga purke, intendi dan jaghmlu fil-limiti senjalati mid-destinazzjoni maqbula bejn il-kontraendi.' (sottolinejar tal-Bord)*

Imbaghad fil-kawza **Cynthia Debono et vs Joseph u Ermina konjugi Tanti** data 1 ta' Dicembru 2004 il-Qorti tal-Appell sahqet li:

*'Jidher min skorta ta' sentenzi illi l-precitat l-artikolu 1564 tal-Kapitolu 16 gie temperat sew fuq l-insenjament tal-awturi bhal Pacifici Mazzoni u Laurent. Dan fis-sens illi gie zviluppat il-principju illi l-kerrej jista' jaghmel alterazzjonijiet basta jkunu parzjali u mhux ta' importanza kbira, ma jbiddlux id-destinazzjoni tal-fond, ma jippregudikawx id-drittijiet tas-sid u meta alterazzjonijiet ikunu necessarji jew utili ghat-tgawdija tal-post u* il-fond jista' jigi ripristinat kif kien qabel meta tispicca l-lokazzjoni.*'*[25] *(sottolinejar tal-Bord)*

[25] Ara ukoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (App. Nru. 94/2002/1) **Konti Sant Fournier et vs Gazan Enterprises Limited et.** deciza fis-17 ta' Novembru 2017 per Imhallef Anthony Ellul.

Ghaldaqstant, ir-regola generali li ma jistghux isiru innovazzjonijiet u xogholijiet fil-fond lokat minghajr il-kunsens tas-sid mhix daqshekk ta' natura stretta u m'ghandhiex tinftihem bhala regola assoluta. B'hekk hija mhollija ghall-evalwazzjoni u apprezzament tal-gudikant in-natura u it-tibdil li jkun sar fil-fond u kemm, ladarba dan ikun stabbilit li sar, jekk ikunx ta' pregudizzju gravi u serju lis-sid tal-fond.[26]

Allura mill-assjem tal-gurisprudenza hawn fuq citata jidher li il-hames elementi li ghandhom jiggwidaw lil min jiggudika fuq ix-xoghlijiet li jsiru fil-fond huma jekk tali xoghol:

1. **Kienx parzjali u mhux ta' importanza;**
2. **Biddilx id-destinazzjoni tal-lokazzjoni;**
3. **Ippregudikax id-drittijiet tas-sidien;**
4. **Kienx utili jew necessarju ghall-godiment tal-fond; u finalment jekk**
5. **Fit-terminazzjoni tal-lokazzjoni jkux jista' facilment jigi eliminat u l-fond jigi ripristinat u mqieghed fl-istat li kien qabel.**

Mizmum ben tajjeb l-insenjament legali u gurisprudenzjali hawn fuq elaborati, jidher li l-fond ilu mibni is-snin tant li r-rikorrenti stess qed isejhulu '***forma ta' kerrejja***' fir-rikors taghhom. Jidher ukoll li d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti huma datati 1977 u allura huwa lecitu li wiehed jassumi li l-binja hija antika hafna.[27]

[26] Ara f'dan is-sens ukoll **Carmelo Agius vs Frances Bugeja**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), deciza fil-25 ta' Novembru 2015.
[27] A folio 37 tal-process.

Il-Bord jinnota li mir-ritratti li hemm fl-atti a folio 88 sa 92 jidher li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jidher li l-inkwilini prezenti ghamlu minn kollox biex l-ambjent ikun tajjeb sabiex wiehed jghix fih[28]. F'ghajnejn il-Bord ir-rikorrenti ma irnexxilhomx jippruvaw li l-inkwilini ma hadux bzonn il-fond kif jaghmel missier tajjeb tal-familja jew li ghamlu xi tibdil strutturali jew hsarat li jistghu jitqiesu li huma gravi. Ir-rikorrenti ma prezentawx provi fir-rigward tal-hsara li qed jallegaw, la ipprezentaw dokumentazzjoni tal-hsarat, la ritratti, kif lanqas pprezentaw xi rapporti peritali. Ir-rikorrenti lanqas dehrilhom li jaghmlu xi domandi lill-periti teknici membri tal-Bord wara l-access li sar fid-19 ta' Jannar 2021.

Ma jidhirx lanqas li fil-mori tas-snin kien hemm xi interpellanzi mis-sidien attwali jew precedenti fuq *in non* kuranza tal-intimati fejn tidhol iz-zamma tal-istruttura.

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta' bdil strutturali, l-istess ma ngabet l-ebda prova mir-rikorrenti fir-rigward ta' din il-kawzali.

Illi l-principju baziku huwa li min jallega irid jipprova u konsegwentament fin-nuqqas ta' prova ghal-lanqas sal-livell ta' probabilita, il-Bord ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrenti msejsa fuq dan il-binarju.

**Ghaldaqstant, il-Bord ser ikun qed jichad l-argument tar-rikorrenti li b'dak li ghamlu l-intimati kkawzaw hsara hafna fil-fond u holqu pregudizzju gravi lir-rikorrenti u b'hekk kisru wahda mill-obbligi principali bhala inkwilini tal-fond. Dan qed**

[28] Il-Bord jista' jassumi mill-provi li ghandu fl-atti li l-inkwilini ghandom livell baxx hafna fl-iskala socjali kif ukoll li tal-anqas wiehed minnhom ghamel xi zmien il-habs. Jidher li qed jghixu fil-periferija tas-socjeta'.

**jinghad in rigward tal-allegazzjoni ta' allegat hsarat u tibdil strutturali.**

**Ikkunsidra ulterjorment:**

L-artikolu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

"kerrej" tfisser ukoll:(a) fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni: (i) dik il-persuna li tkun ġiet rikonoxxuta bħala l-kerrej skont xi liġi validament fis-seħħ qabel l-1ta' Ġunju 2021

.................................................................................

"kiri" tfisser ukoll sullokazzjoni;

"tagħti b'kiri" tfisser ukoll tissulloka.

***Il-Bord jghid li l-ebda wahda mill-partijiet ma ipprezentat prova tal-kirja jew kirjiet fuq il-fond de quo li kien qed jinkera bhala bicciet f'forma ta' flats. Ma hemmx fl-atti xi prova ta' xi pagamenti fil-passat.*** Dunque, il-Bord iqis li ghandu joqghod biss fuq id-dikjarazzjonijiet guramentati tar-rikorrenti u tal-intimati.

Ghal dak li jirrigwarda **Michael Pace** fl-affidavit ta' Anthony sive Tonio Cachia[29] jikkoncedi li huwa kellu kirja valida, ghalkemm ma jaqbilx mal-lokazzjoni ezatta fl-istess binja. Hu vera ukoll li r-rikorrenti Cachia jghid li dan ilu zmien twil ma' jhallas pero' prova ta'

[29] Dan hu ir-rikorrenti principali li ha f' idejn il-vertenza u iben min kien jiehu hsieb il-fond immedjatament qabel ma' u wara li mietet fl- 2016.

kemm u l-modalitajiet tal-hlas ma ngabitx mis-sidien ***kif lanqas il-kawzali taghhom ma hija ibbazata fuq nuqqas ta' hlas tal-kirja.*** Ma jidhirx lanqas li kien hemm xi interpellanza bil-fomm jew b'xi mod iehor biex Michael Pace, jew xi hadd mill-intimati l-ohra ghal kull buon fini, intalab ihallas u ma hallasx. Ghal kuntrarju, l-intimati jargumentaw li huma ippruvaw ihallasu mal-milja tas-snin u jew ma sabux lir-rikorrenti jew meta sabuhom dawn tal-ahhar ma accettawx il-flus! F'cirkostanzi simili id-dubbju ghandu jimmilita favur l-inkwilin u mhux favur is-sid.

**B'hekk il-Bord iqis li ghandu jaghti aktar affidabilita' ghal dak li iddikjara Michael Pace li huwa kellu kirja valida u pprova jhallas il-kirja dovuta. It-talbiet fil-konfront tieghu kif dedotti ma tistax tirnexxi u allura qed tigi rigettata.**

Ghar-rigward ta' **Carmel Pace** dan milli jidher ma ghadux jghix fil-fond u ilu li telaq minn hemm ghal xi snin, tant li kera post iehor barra il-Belt, Valletta ghal hames snin u qed joqghod St. Venera. Il-Bord jirrileva li fil-kontront tal-intimati u allura anki ***fil-konfront ta' Carmel Pace, it-talba mhix imsejsa fuq l-kawzali li hu biddel id-destinazzjoni tal-fond jew li abbanduna l-fond. Dunque, il-Bord ma jistax jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' Carmel Pace ghax abbanduna il-fond ladarba din mhix wahda mill-kawzali mressqa mir-rikorrenti.*** Mill-affidavit tar-rikorrenti stess Anthony sive Tonio Cachia jirrizulta car u tond li tal-anqas kien hemm kamra mikrija lis-Sur Carmel Pace.

**B'hekk it-talbiet kif dedotti fil-konfront tieghu lanqas jistghu jintlaqghu ladarba l-provi ma' jikkonfigurawx fil-parametri tat-talbiet tar-rikorrenti.**

Il-Bord iqis li ghandu jastjeni milli jikkummenta fuq il-vertenza dwar **Gioacchino Pace** ladarba r-rikorrenti irtiraw il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tieghu.

Finalment ghal dak li jirrigwarda il-konjugi **Dorselle Pace u Silvan Pace** fit-trattazzjoni finali tieghi l-avukat tar-rikorrenti jallega li huma '***squatters***'[30]. Jekk il-Bord ikollu jhares lejn din il-perspettiva allura jrid ifakkar f'dak li jghid testwalment l-artikolu 16(4) tal- Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta ossija:

*(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dan il-perjodu ta' okkupazzjoni.*

Jekk allura r-rikorrenti qed jargumentaw fil-konfront tal-konjugi Pace li ***huma qatt ma kellhom kirja***, dan jista' biss ifisser li l-Bord li Jirregola l-Kera MHUX KOMPENENTI *ratione materiae* biex jiddeciedi din il-vertenza fil-konfront taghhom[31]. Konsegwentament il-Bord iqis illi huwa jista' jieqaf hawn fl-osservazzjonijiet tieghu.

---

[30] Fol 250 tal-process.

[31] Ara f' dan is-sens il-kawza **81 & 82 Ltd. vs Mario Borg** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) App. Nru. 1134/2013/2 LM deciza fil- 21 ta' April 2021 per Onorevoli Imhallef Lawrence Mintoff, pg. 22 u 23. Ara ukoll **81 & 82 Ltd vs Stella Borg et** (1136/2013/ 2 JVC) deciza mill-Qorti tal-Appell fl- 20 ta' Jannar 2022 per Onorevoli IMhallef Giannino Caruana Demajo, President, flimkien mal-Imhallfin Tonio Malli u Anthony Ellul; pg. 9.

Il-Bord pero' jemmen li l-appartament huwa okkupat minnhom tramite missierhom, ossija Michael Pace. Il-Bord ukoll jemmen, kif diga' iddikjara qabel li anki fil-kaz tal-konjugi Pace dawn kellhom il-barka tar-rikorrenti Antoine Cachia u qablu, ta' ommu, meta marru jirrisjedu fil-blokka u dan peress li missieru u hutu kienu inghataw direzzjonijiet u struzzjonijiet li sakemm jibqghu il-familjari Pace allura setghu jirrangaw bejniethom. *U hekk huma ghamlu. Dunque, huma baqghu fidili mal-arrangamenti verbali tas-sidien mal-familjari taghhom li kien ilhom fis-sehh ghal diversi snin.*

**Ghaldaqstant, il-Bord iqis ukoll li fil-konfront ta' Silvan u Dorselle Pace ma kienx hemm xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kirja.**

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord jiddikjara u jiddeciedi billi:**

1. **Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet fil-konfront tal-intimat Gioacchino Pace stante li gew irtirati fil-mori tal-kawza kif ukoll; u**

2. **Jiddikjara li l-intimati l-ohra, ossija Michael Pace, Carmel Pace, Dorselle Pace u Silvan Pace, huma inkwilini tal-fond u ghandhom dritt jokkupaw il-fond numru 73, Triq San Kristoforu, Valletta; u**

3. **Jichad it-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti.

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.

Chairperson

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.